



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Jannar 2021
(OR. en)

5605/21

ECOFIN 70
UEM 20
SOC 40
EMPL 28

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	25 ta' Jannar 2021
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (parti 2)/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 5126/21 ECOFIN 25 UEM 6 SOC 5 EMPL 4	
Suġġett:	Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2021 – Konklużjonijiet tal-Kunsill fil-25 ta' Jannar 2021

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill rigward ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2021, approvati mill-Kunsill waqt it-3784 laqgħa tiegħu li saret fil-25 ta' Jannar 2021.

RAPPORT DWAR IL-MEKKANIŻMU TA' TWISSIJA 2021

– Konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN –

Il-Kunsill (ECOFIN):

1. JINNOTA li l-miżuri ta' konteniment meħtieġa biex titrażżan it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 wasslu għal tnaqqis bla preċedent u asimmetriku fl-attività ekonomika. JISĦAQ li l-miżuri ta' appoġġ pubbliku determinat huma kritiċi biex itaffu l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-kriżi kkawżata mill-pandemija.
2. JIRRIKONOXXI li ż-żieda fir-rati ta' infezzjoni fil-ħarifa tal-2020 u l-introduzzjoni mill-ġdid sussegwenti ta' miżuri ta' konteniment eżerċitaw pressjoni addizzjonali fuq l-attività ekonomika. JIRRIKONOXXI l-inċertezza għolja b'mod mhux tas-soltu dwar l-iżviluppi ekonomiċi fix-xhur li ġejjin, u, fejn meħtieġ, JAPPELLA għal aktar miżuri mmirati u temporanji biex jiġi appoġġat l-irkupru b'kont meħud tar-riskji eżistenti u emerġenti għall-istabbiltà makroekonomika.
3. JILQA' l-implimentazzjoni kontinwa tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku minkejja l-kriżi, u r-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2021, li jagħti bidu għall-ġħaxar ċiklu annwali tiegħu. JISSOTTOLINJA l-importanza, inkluż fil-kriżi ekonomika attwali, tad-detezzjoni, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi li jxekklu l-funzjonament tajjeb tal-ekonomiji tal-Istati Membri, l-Unjoni Ekonomika u Monetarja jew l-ekonomija tal-Unjoni Ewropea kollha kemm hi.
4. JAQBEL B'MOD ĠENERALI mal-valutazzjoni tar-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija rigward l-evoluzzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi fl-UE u fiż-żona tal-euro, u r-riskji possibbli. JINNOTA li qabel il-kriżi għadd ta' żbilanċi makroekonomiċi, bħal defiċits eċċessivament kbar fil-kontijiet kurrenti jew żieda qawwija fil-kreditu kienu qed jaġġustaw u d-dejn privat u pubbliku kien beda jonqos ukoll, għalkemm b'mod irregolari madwar l-Istati Membri; il-kundizzjonijiet makroekonomiċi favorevoli sat-tifqigħa tal-kriżi tal-COVID-19, kif ukoll xi bidla strutturali, appoġġaw dawn il-korrezzjonijiet.

5. JIRRIKONOXXI li għadd ta' żbilanċi makroekonomiċi eżistenti issa qed jiġu aggravati mill-kriżi tal-COVID-19, u jistgħu jinħolqu riskji ġodda, li jirriżultaw mill-effetti tal-pandemija, b'mod partikolari relatati maż-żieda fid-dejn privat u pubbliku. JINNOTA li d-dejn privat, b'mod partikolari għall-kumpaniji, u d-dejn pubbliku żdiedu fl-Istati Membri kollha, speċjalment f'xi wħud li diġà għandhom żbilanċi korrispondenti jew żbilanċi eċċessivi identifikati, l-aktar fid-dawl ta' reċessjonijiet profondi, u l-ħtieġa li jittaffa l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 permezz ta' politiki ta' appoġġ.
6. JIEĦU NOTA li s'issa l-bilanċi tal-kontijiet kurrenti ma kinux affettwati b'mod sostanzjali ħafna mill-kriżi tal-COVID-19; surpluses kbar fil-kont kurrenti f'xi Stati Membri jippersistu għalkemm qed jonqsu, filwaqt li d-defiċits fil-kont kurrenti f'xi Stati Membri b'dejn estern kbir qed jikbru. JIRRIKONOXXI r-riskji possibbli għall-karti tal-bilanċ tal-banek marbuta mal-prospett ta' żieda fis-self improduttiv, il-profittabbiltà dgħajfa tal-banek u korrezzjonijiet possibbli 'l isfel fil-prezzijiet tad-djar. JINNOTA li l-qgħad mistenni jiżdied, għalkemm il-politiki ta' appoġġ taffew l-impatt tat-tnaqqis fl-attività, u li t-tnaqqis fil-produttività tax-xogħol huwa stmat li wassal għal żieda fil-kostijiet ta' unità lavorattiva fl-2020, minkejja tnaqqis sinifikanti fit-tkabbir tal-pagi.
7. JILQA' l-approċċ imsaħħaħ li jħares 'il quddiem għall-valutazzjoni tar-riskji għall-istabbiltà makroekonomika u l-iżbilanċi makroekonomiċi li jieħu r-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija. JAPPREZZA f'dan il-kuntest l-użu akbar ta' previżjonijiet u data ta' frekwenza għolja li jikkomplementaw il-qari ekonomiku tat-tabella ta' valutazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku. Madankollu, IFAKKAR fil-livell għoli ta' inċertezza madwar kwalunkwe previżjoni fiċ-ċirkostanzi attwali li qed jinbidlu malajr, li jagħmel valutazzjoni tal-iżbilanċi li tħares 'il quddiem waħda ta' sfida. JAPPELLA li ssir distinzjoni bejn l-iżviluppi ċikliċi u strutturali fil-valutazzjoni tal-evoluzzjoni tal-iżbilanċi fil-futur, u li jitqies ir-rwol li l-politiki qed ikollhom bħalissa fit-tnaqqis tar-riskji ta' stabbiltà makroekonomika f'ċerti oqsma.

8. JIEĦU NOTA tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li twettaq rieżamijiet fil-fond għal 12-il Stat Membru biex tivvaluta jekk u sa liema punt l-iżbilanċi eżistenti qed jonqsu, jippersistu jew jiggravaw, b'kont meħud tal-politiki korrettivi implimentati. JAPPELLA għal monitoraġġ mill-qrib tar-riskji f'xi Stati Membri li għalihom bħalissa mhumiex meqjusa meħtieġa analiżi fil-fond, b'mod partikolari fir-rigward tar-riskji possibbli relatati mal-finanzjament estern u proporzjonijiet relattivament għoljin u li qed jiżdiedu tad-dejn privat u pubbliku fir-rigward tal-prodott domestiku gross. JIRRIKONNOXXI l-ħtieġa li jiġu mmonitorjati r-riskji li potenzjalment jirriżultaw mill-approfondiment possibbli tad-diverġenzi ekonomiċi, b'mod partikolari minħabba l-konsegwenzi tal-pandemija.
9. JAQBEL li n-Next Generation EU, b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-faċilità għall-irkupru u r-reżiljenza, għandu jittieħed bħala opportunità biex jiġu implimentati r-riformi u l-investimenti, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019 u l-2020 li jindirizzaw il-kawżi strutturali li ilhom jeżistu tal-iżbilanċi makroekonomiċi eżistenti u tat-tkabbir imraġżan tal-produttività. JAPPELLA li jiġu żgurati risponsi ta' politika xierqa biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi u biex jiżdiedu l-produttività u l-potenzjal tat-tkabbir, inkluż fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza. Għalhekk, JISĦAQ fuq il-ħtieġa għal implimentazzjoni rapida tal-faċilità għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza.
10. IFAKKAR li l-Kunsill ser jiddiskuti l-leġiżlazzjoni li tirregola l-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku bħala parti mir-rieżami tal-leġiżlazzjoni dwar il-governanza ekonomika.
